# L-ISTORJA TAL-MILIED U L-BIBBJA

Minn George Ebejer

# L-ISTORJA TAL-MILIED

## JINTERESSAH ALLA JEKK AĦNA NIĊĊELEBRAW JEW MA NIĊĊELEBRAWX JEW NOSSERVAW JEW MA NOSSERVAWX IL-MILIED?

Mistoqsija li xi wħud jagħmlu lilna bħala Kristjani hija din: "Taħsbu intom li Alla jinteressah dwar il-jum attwali li l-Kristjani jiċċelebraw it-twelid ta' Ġesù Kristu? Intom tgħidu li l-Kristjani għandhom josservaw l-Ikla tal-Mulej kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, mela għaliex ma tagħmlux l-istess dwar il-Milied?"

Hemm differenza kbira bejn li tosserva l-Ikla tal-Mulej f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa u l-Milied. L-osservanza ta' l-Ikla tal-Mulej, kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, hija mogħtija b'ordni mill-Mulej Innifsu kif ukoll permezz ta' eżempju fl-Iskrittura Mqaddsa (Ara Mattew 26:26-29; Luqa 22:15-20; Atti 2:42; 20:7; 1 Korintin 16:1-2), waqt liċ-ċelebrazzjoni tat-Twelid ta' Kristu **mkien** ma hija msemmija fl-Iskrittura. Ta' l-ewwel hija kkmandata waqt li tat-tieni, u agħar minn hekk, hija pprojbita. Tassew, l-uniku jum tat-twelid imsemmi fil-Bibbja huwa dak ta' Erodi (Mark 6:21-29), li hu, naturalment iċċelebraħ f'mod diżonest bħala pagan kif fil-fatt kien.

Bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid aħna ma noġġezzjonawx għall-Kristjani li jkunu jridu li jiċċelebraw it-twelid ta' Ġesù Kristu fil-25 ta' Diċembru, fis-6 ta' April, jew f'xi jum ieħor, jekk huma jkunu jridu li jagħmlu dan sakemm huma jkunu qegħdin tassew jonoraw lil Kristu u mhux użanza pagana. Rumani 14:5-6 jgħid hekk:

> *"Hemm min jagħżel bejn jum u ieħor, u hemm min iqis il-jiem kollha xorta:* ***ħa jkun żgur*** *kull wieħed fil-fehma tiegħu. Min iħares il-jum, iħarsu għall-ġieh tal-Mulej…"*(enfasi tiegħi).

Jekk jiena rrid inħares jum bħala jum it-twelid tal-Mulej dan għandi nagħmlu bejni u bejn il-Mulej. Imma jekk jiena nordna

lil xi ħadd jew lill-knisja biex josservaw il-25 ta’ Diċembru jew xi data oħra bħala jum it-twelid ta’ Ġesù, allura dan ikun ksur tal-liġi ta’ Alla aktar u aktar meta ċ-ċelebrazzjonijiet ikunu magħmula fuq użanzi u drawwiet pagani kif fil-fatt qegħdin isiru llum. Dwar dan sejrin naraw aktar ’il quddiem.

“***Ħa jkun żgur** kull wieħed fil-fehma tiegħu.*” Kif wieħed jista’ **jkun żgur** fil-fehma tiegħu? It-tweġiba hija sempliċi. Il-Bibbja Mqaddsa tgħidilna x’għandna nagħmlu:

> *“Dawn il-Lhud kienu nies ta’ qalb kbira aktar minn dawk ta’ Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu”* ***(Atti 17:11).***

Aħna nistgħu “nkunu fiż-żgur” billi “nqallbu l-Iskrittura” u r-raġuni li nagħmlu dan hija “biex naraw jekk dak li nkunu smajna kienx minnu jew le.” Mela ħalli naraw x’tgħid l-Iskrittura dwar il-Milied.

L-oġġezzjoni tagħna, bħala Kristjani hija l-qbil li jsir bejn il-Kristjaneżmu u l-paganiżmu. Aħna naraw żfin madwar is-siġra tal-Milied, li mhuwiex aċċettabbli, għaliex din hija drawwa purament pagana. Is-simbolu oriġinali huwa, kif l-iskulari kollha jafu, meħud mill-qima pagana tas-siġra, u ma kienx imqiegħed fil-Kristjaneżmu sakemm Luteru ħa l-idea fil-Ġermanja. Il-Prinċep Albert, ir-raġel tar-Reġina Vittorja, imbagħad daħħal din id-drawwa fl-Ingilterra fis-sena 1840 u minn hawn din id-drawwa nfirxet ma’ ħafna pajjiżi fid-dinja kollha.

Is-siġra Tewtonika oriġinali tal-Milied tmur lura għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Yule (kelma antikwata għall-Milied fejn fi żmien l-antik, l-Ingliżi kienu jitfgħu fin-nar biċċa ħatba kbira lejlet il-Milied) flimkien max-xemgħat, rigali, u majjal issagrifikat b’tuffieħa f’ħalqu. Imma hemm ukoll elementi pagani minn nofs in-Nhar ta’ l-Ewropa. Ċerti qassisin ta’ Attis imsejħa *dendrophori*, “dawk li jġorru s-siġra”, kull sena kienu jagħżlu siġra ta’ l-arżnu minn masġar sagru (*pinea silva*) biex iġġorr l-immaġini ta’ l-alla, l-alla tagħhom fit-tempju Ruman. Id-*dendrophori* kienu nkarigati bid-dmir li jwaqqfu u jiddekoraw is-

siġra, li fuqha l-alla kien ippreżentat għas-sagrifiċċju. Dan kien l-oriġini ta' l-użanza tad-dendil ta' xbiehat żagħar, bħal irġiel tal-ġinġer, eċċ., fuq is-siġra tal-Milied.

Is-siġra tal-Milied hija fil-fatt attwali parti minn reliġjon falza mwaqqfa minn Satana biex tagħti glorja lil antikrist, Nimrod. L-"alla" huwa Nimrod, li jerġa' jieħu l-ħajja, imitazzjoni dagħwa tal-qawmien tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.

Aħseb dwar dan għall-mument wieħed biss. Kif tirreaġixxi int jekk denominazzjoni tkun użat altar tal-Ħindu li jkun użat għal sess ritwali, u poġġietu fil-bini tal-knisja tiegħek, u mbagħad tpoġġi salib fil-quċċata tiegħu? Lest int li taċċettah dan? Jiena niddubitah dan. Imma fil-fatt hemm ftit differenza bejn dan u l-adorazzjoni tas-siġra tal-Milied. Siġar tal-Milied, li jirrappreżentaw lil l-inċestuż Nimrod (li żżewweġ lil ommu), huma mpoġġija fi knejjes u f'salotti ta' l-aktar familji reliġjużi. Ċertament, dawn jidhru sbieħ, bid-dwal iteptu u b'dak it-tiżjin ileqq, eċċ., imma għandhom xi ħaġa x'jaqsmu dawn mal-Kristjaneżmu? Tinsiex x'tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa,

> "*Hemm triq li tidher dritta lil xi ħadd; iżda hemm triqat il-mewt fl-aħħar tagħha*" (Proverbji 14:12).

Dan l-istess kompromess mal-passat pagan wassal għall-formazzjoni ta' "Kristjaneżmu ġdid", il-"fergħa" "Kristjana" tal-Moviment Era Ġdida (New Age Movement), reliġjon kontra l-Kristjaneżmu ibbażata fuq il-Ħindu fejn is-simbolu huwa tradott f'dottrina u prattika. Is-siġra tal-Milied hija tant pagana lid-dinja ma jimpurtaha xejn li tużaha. Ukoll, għalkemm il-ħakma kommunista tal-passat kienet tipprojbixxi ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied, din kienet tagħmilha fil-Pjazza l-Ħamra f'Moska fl-Unjoni Sovjetika bi stilla kbira ħamra tal-kommuniżmu fil-quċċata tagħha, l-istess kif kienu jsiru l-figuri ta' l-iswastika fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied fil-Ġermanja Nażista. Imma kemm nies sekulari jew pagani reliġjużi lesti li jonoraw il-veru kmand Kristjan biex josservaw l-Ikla tal-Mulej kif ordnata Minnu stess. Illum naraw li ħafna mexxejja reliġjużi biddlu l-

Ikla tal-Mulej minn **tifkira** għal letteraliżmu, jiġifieri, transustanzjazzjoni. Naraw ukoll il-bidla li saret dwar il-jum ta' l-osservanza tagħha. Min jiċċelebraha kuljum, minn darba fix-xahar u minn darba fis-sena meta l-kmand *huwa kull l-ewwel jum tal-ġimgħa* (ara paġna 1). Dan kollu huwa ħażin u midneb għaliex huwa ksur tal-Kelma ta' Alla (1 Ġwanni 3:4).

Is-simboli huma ta' qawwa kbira—għalhekk wieħed għandu joqgħod attent. Obdi lill-Mulej u aħrab mit-tradizzjonijiet pagani. Tagħmel ebda kompromess—dejjem żomm l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu safi!

## KRISTU JEW IL-MILIED?

### NIKXFU L-GIDBA TA' FESTA ANTIKA PAGANA

L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna:

> *"Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu*" (Kolossin 3:17).

Kif jibda joqrob nofs Novembru (jekk mhux qabel ukoll) tal-ħwienet jibdew ibigħu l-affarijiet tagħhom tal-Milied. Ikun hawn ġirja sfrenata għax-xiri ta' rigali, dwar, siġar tal-Milied, eċċ. Kullimkien fl-ibliet u fl-irħula eluf ta' lampi żagħar jidhru jixhelu fuq siġar, f'armaturi tal-ħwienet, u fi twieqi tad-djar. L-uffiċċju postali tant ikun iffullat f'dawn il-jiem, li bilkemm tkun tista' tidħol biex tiġbor il-posta tiegħek. Il-ħwienet ukoll ikunu kollha mimlija bin-nies jixtru xorb u rigali u ħwejjeġ oħra. Inti tista' tara billi tagħti daqqa t'għajn madwarek li hemm trasformazzjoni kbira li saret f'daqqa waħda.

Kif wieħed joħroġ mid-dar tiegħu u jibda għaddej fit-toroq u jidħol fil-belt dan jara siġar imdawwla u mżejna b'ħafna affarijiet differenti u jleqqu. Nies jiffullaw fil-ħwienet. In-negozju jkun fl-aqwa tiegħu. In-nies jibdew jirrankaw għal riċevimenti u għal ikliet.

Għalkemm il-biċċa l-kbira tan-nies jirredikolaw l-idea, il-Milied huwa, fil-fatt, xejn aktar minn forma ta' seħer.

Ir-Reġina ta' Babel, Semiramis, ordnat lid-dinja ta' qabel id-dilluvju biex tiċċelebra t-twelid ta' binha, Tammuz, li ma kien

ħadd ħlief l-alla xemx Bagħal, li jirrappreżenta lil Satana. Hija poġġiet il-25 ta' Diċembru għal jum tat-twelid ta' Bagħal. L-astrologu tagħha qalilha illi x-xemx kienet fl-aktar punt imbiegħed mid-dinja matul is-solstizju tax-xitwa, jum għoli ta' l-okkult. Hija qalet lin-nies tagħha li fil-21 ta' Diċembru x-xemx, jew Bagħal, imut. Imbagħad fl-24 ta' Diċembru, huwa jibda jerġa' jieħu l-ħajja, u l-25 huwa l-jum tat-twelid tiegħu.

Kif għadda ż-żmien, madwar id-dinja kollha fil-25 ta' Diċembru, ix-xemx kienet adurata minn dawn id-diversi ismijiet: Tammuz, Horus, Nimrod, Osiris (dwar dan naraw aktar taħt it-titlu "Il-veru Oriġini tal-Milied, f'paġna 13), Sol, eċċ.. Kien żmien għal xalar u żina bla xaba, sagrifikar ta' trabi lil Bagħal, sokor, u divertiment. Semiramis ordnat biex is-siġar ikunu iddekorati bi blalen żagħar li jirrappreżentaw ix-xemx.

Alla waqaf għal din il-btala ħażina billi pprojbixxa lill-poplu Tiegħu milli jiddekora s-siġar kif kienu qegħdin jagħmlu l-pagani:

> *"Isimgħu, dar Iżrael, il-kelma li jgħidilkom il-Mulej. Dan jgħid il-Mulej: "Drawwiet il-ġnus la titgħallmux, u la tibżgħux mis-sinjali tas-smewwiet, il-ġnus jitbeżżgħu minnhom. Għax ir-reliġjon tal-popli hija frugħa, għuda (siġra) maqtgħuha minn ġol bosk, xogħol idejn l-imgħallem bl-iskalpell. Iżejjinha bid-deheb u l-fidda, iwaħħluha bl-imsiemer u l-martell, biex ma titħarrikx*" (Ġeremija 10:1-4).

Meta l-Quddiesa Kattolika saret għal l-ewwel darba f'nofs il-lejl, 24 ta' Diċembru, madwar is-sena 394 W.K., din kienet imsejħa "il-Quddiesa ta' Kristu" ("The Mass of Christ") Il-magna reliġjuża apostata ta' dak iż-żmien bidlitha mill-jum tat-twelid ta' Bagħal għall-jum tat-twelid ta' Ġesù. Il-pagani għoġobhom dan. Dan sar l-akbar jum tas-sena għal l-istituzzjoni Kattolika Rumana.

Biex iżomm it-800+ miljun tal-membri tal-Knisja Kattolika Rumana fil-jasar spiritwali, Satana juża l-quddies (imitazzjoni

ta' l-Ikla tal-Mulej). L-"ostja" Kattolika, biċċa rqiqa tonda b'itttri IHS u kurċifiss imqiegħed fiha, kienet misruqa mill-Eġizzjani li dawru ostja fl'alla tagħhom tax-xemx, "Osiris". Dan hu għaliex l-ostja Kattolika hija fil-forma tax-xemx.

Il-Milied huwa żmien ta' festiġġjar u dwal u kant, siġar tal-Milied u rigali, imma wkoll suwiċidji u disperazzjoni għal dawk bla djar. Aħna naraw siġar tal-Milied, riċevimenti, tfal jistennew lil Santa Klaws biex iħallilhom rigali. Naraw ukoll lil Verġni Marija u tarbija ċkejkna, it-tnejn bix-xemx (raġġiera) madwar rashom. Il-Quddiesa Kattolika, ċerimonja idolatra pagana li fiha l-ostja tal-ħobż hija adurata bħallikieku kienet Alla Nnifsu, tikser l-Ewwel u t-tieni Kmandamenti:

> *"Ma jkollox allat oħra għajri. La tagħmilx għalik suriet minquxa u EBDA XBIEHA ta' EBDA ĦAĠA li hemm fis-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art. La tmilx quddiemhom: LA TADURAHOMX għaliex jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur…"* (Eżodu 20:1-5. Enfasi tiegħi).

Il-Bibbja Mqaddsa mkien ma tordnalna biex niċċelebraw il-Milied li kien imwaqqaf mill-Vatikan biex jorbot lil Kristu mal-quddiesa idolatra tagħhom. Tabilħaqq, aħna ordnati esspressament biex nevitaw dawn il-ħwejjeġ kollha pagani. Illum, Protestanti, Mormoni, kommunisti, Lhud u kważi kull xorta ta' persuna jiċċelebraw din il-festa mhux qaddisa. Kull Milied, kif diġa tennejt, siġra kbira tkun imwaqqfa fil-Pjazza l-Ħamra fir-Russja bi stilla kbira ħamra fil-quċċata tagħha. L-hekk imsejjaħ "Milied" ("Christmas") aħjar imsejjaħ bl-isem oriġinali tiegħu, Brumalia, fil-verità huwa festa għal kulħadd barra minn dawk li tassew jemmnu fil-Mulej tagħna Ġesù Kristu!

Alla ikkmanda lin-nies Tiegħu kullimkien biex iżommu 'l bogħod mit-tagħlim tad-dinja u mill-prattika ta' Babel. L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna hekk dwar dan:

> *"La tintrabtux mal-pagani taħt madmad wieħed li ma jiġikomx. X'għandhom x'jaqsmu*

> *bejniethom il-ġustizzja u l-ħażen? X'xirka hemm bejn id-dawl u d-dlam? Xi ftehim hemm bejn Kristu u Beljar ix-xitan? Jew x'għandu x'jaqsam min jemmen ma' min ma jemminx? X'rabta hemm bejn it-tempju ta' Alla ma l-idoli? Aħna t-tempju ta' Alla ħaj. Kif jgħid Alla: Ngħammar f'nofshom u nimxi magħhom. Inkun Alla tagħhom; u huma jkunu l-poplu tiegħi. Għalhekk oħorġu minn ġo nofshom, u nfirdu minnhom, jgħid il-Mulej; la tmissux l-imniġġes, u jien nilqagħkom; u nkun għalikom missier u intom tkunu għalija wlied, subjien u bniet, jgħid il-Mulej, li jista' kollox*" (2 Korintin 6:14-18)

Il-Milied fir-realtà ma jonora lil ħadd ħlief lil Satana nnifsu. Li tgħaqqad terminoloġija Kristjana ma' festa pagana ma jagħmilix aktar Kristjana daqs kemm jekk tiksi pillola taċ-ċjanur biz-zokkor tagħmel dik il-pillola biċċa ħelu. **Tħallix lil min iqarraq bik!**

Aħna bħala Kristjani għandna nevitaw dawn l-affarijiet kollha pagani. Kristjani tat-Testment il-Ġdid u emmiena veru tal-Bibbja għandhom jisseparaw lilhom infushom minn dawn il-ħwejjeġ kollha. Aħna għandna "*nobdu lil Alla aktar milli lill-bnedmin*" (Atti 5:29).

Aħna nkunu qegħdin naduraw lill-Mulej fl-ewwel jum tal-ġimgħa fis-safa u fil-verità skond il-Bibbja Mqaddsa u mhux skond it-tagħlim tal-bnedmin. Aħna nkunu qegħdin nippriedkaw mhux it-twelid ta' tarbija Messija, ta' l-għaġeb kemm kienet dik il-ġrajja, imma Salvatur irxuxtat li jsalva d-dnubiet ta' dawk li lesti li jwarrbu dak kollu li mhuwiex skond il-Kelma ta' Alla.

## ĠESÙ MA KIENX IMWIELED FIL-25 TA' DIĊEMBRU

Il-Jum tal-Milied—25 ta' Diċembru—huwa qrib in-nofs tax-xitwa fl-Emisferu tan-Nord—inkluż ir-reġjun tal-Palestina jew il-Lhudija.

Kien Ġesù imwieled matul ix-xitwa? Ħalli naraw x'għandha xi tgħid l-Iskrittura:

> *"F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom billejl" (Luqa 2:8).*

Ir-rgħajja MA jżommux in-nagħaġ tagħhom fl-għelieqi matul Diċembru! In-nagħaġ kienu jkunu mdaħħla ġewwa qabel nofs Ottubru biex jipproteġuhom mill-istaġun kiesaħ bix-xita li jiġi wara. U iva, ix-xitwa fil-Lhudija HIJA f'dan iż-żmien ikkaratterizzata b'kondizzjonijiet kiesħa, umdużi, u bix-xita!! U dan tgħidulna l-Iskrittura nfisha fejn naqraw fl-Għanja ta' l-Għanjiet 2:11,

> *"Għax, ara, għaddiet ix-xitwa, spiċċat ix-xita, marret."*

Ukoll naqraw f'Esdra 10:9,

> *"Għalhekk, fi żmien tlitt ijiem l-irġiel kollha ta' Ġuda u Benjamin inġabru Ġerusalem; dan kien fl-għoxrin tad-disa' xahar. Mbagħad il-poplu kollu nġabar fil-misraħ quddiem it-tempju ta' Alla, u kulħadd kien qiegħed jirtogħod minħabba X-XITA LI KIENET NIEŻLA."*

Id-"disa' xahar" jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal Diċembru llum. Qiegħed tara, dan iż-żmien tas-sena kien ikkaratterizzat b'xita u ksieħ tax-xitwa fil-Lhudija. In-nagħaġ ma kinux fl-għelieqi f'dak iż-żmien!!

Hawn huwa dak li għandu xi jgħid *il-Kummentarju ta' Adam Clarke* (Vol 5, paġna 370, New York ed) dwar it-twelid ta' Kristu….

> "Kienet użanza antika fost il-Lhud ta' dak iż-żmien li joħorġu n-nagħaġ tagħhom fl-għe-

> lieqi u d-deżerti f'madwar il-Jum ta' Tifkira (Passover) (kmieni fir-rebbiegħa), u jdaħħlu-hom ġewwa għall-bidu ta' l-ewwel xita,…"
>
> "Matul iż-żmien li kienu barra, ir-ragħajja kienu jħarsuhom lejl u nhar. Kif…l-ewwel xita kienet tibda kmieni fix-xahar ta' March-esvan, li twieġeb għall-parti ta' Ottubru u Novembru tagħna, aħna nsibu lin-nagħaġ kienu miżmuma barra fil-beraħ matul is-sajf kollu. U, billi dawn ir-ragħajja ma kinux għadhom daħħlu n-nagħaġ tagħhom ġewwa, huwa argument prużuntuż li Ottubru kien għadu ma bediex, u li, konsegwentament, il-Mulej tagħna ma kienx twieled fil-25 ta' Diċembru, meta ebda merħliet ma kienu barra fl-għelieqi; lanqas ma Hu seta' li twieled ukoll aktar tard minn Settembru, kif il-mer-ħliet kienu għadhom fl-għelieqi matul il-lejl. Fuq din il-bażi nfisha, it-twelid f'Diċembru għandu jittwarrab. It-tmigħ tal-merħliet matul il-lejl huwa fatt kronoloġiku…"

Id-data eżatta tat-twelid ta' Ġesù hija għal kollox mhux magħrufa, għalkemm evidentament Hu kien twieled f'xi żmien madwar Settembru li huwa sitt xhur wara l-Festa ta' Tifkira (Passover).

Kieku Alla kellu l-intenzjoni għalina biex niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù, Hu ma rrivelax id-data eżatta fl-Iskrittura Mqaddsa?

Xi ħadd jista' jgħid, **Sewwa! Mela l-Milied huwa festa Pagana! Imma xi ngħidu jekk aħna sempliċiment nonoraw lil Kristu u ma nieħdu l-ebda parti f'xi waħda minn dawn id-drawwiet Pagani?**

Aħna għandna nħallu l-Iskrittura titkellem għaliha nfisha…

> *"Qis li ma tinqabadx u tmur warajhom, wara li tkun qridthom minn quddiemek, u li*

> *ma titkixxifx dwar l-allat tagħhom, u tgħid: 'Kif kienu jqimu dawn il-ġnus l-allat tagħhom? ħa nagħmel hekk jiena wkoll.' Tagħmilx hekk lill-Mulej, Alla tiegħek, għaliex kull ma jistkerrah u jobgħod il-Mulej huma għamluh lill-allat tagħhom, saħansitra ħarqu bin-nar lis-subjien u l-bniet tagħhom, lill-allat tagħhom*" (Dewt. 13:30, 31).
>
> "*Ftakar fihom, Alla tiegħi, talli pprofanaw is-saċerdozju u l-platt tal-qassisin u l-Leviti. Jien għalhekk naddafthom mill-barranin kollha. U qassamt ix-xogħol lill-qassisin u l-Leviti; kull wieħed minnhom kellu x-xogħol tiegħu x'jagħmel*" (Neħemija 13:29-30).

L-iskrittura tiddikjara,

> "*Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità*" (Ġwanni 4:24).

Li tadura lil Kristu permezz ta' li tonora l-jum tat-twelid Tiegħu f'jum li MHUWIEX il-jum tat-twelid Tiegħu, tissellef ħafna użanzi Pagani fil-proċess, MHUWIEX li tadurah "fl-Ispirtu u fil-Verità"!!!

## X'JGĦIDU L-ENĊIKLOPEDIJI

Il-kelma "Christmas" hija meħuda minn "Mass of Christ" jew "Christ-Mass". Il-festa tal-Milied ġiet għand il-Protestanti u d-dinja sekulari mill-Knisja Kattolika Rumana. Iżda, il-Knisja Kattolika Rumana MA ħaditx il-Milied mill-Appostli oriġinali. Dan saħansitra lanqas ma huwa fil-Bibbja!

Issa biex jekk xi ħadd jaħseb li jiena għandi xi ħaġa personali kontra l-Milied, jew agħar minn hekk, minħabba li jiena mhux membru fil-Knisja Kattolika Rumana, ħalli naraw xi jgħidu l-Enċiklopediji nfushom Kattoliċi u sekulari dwar il-Milied!

"Il-Milied (Christmas) ma kienx fost il-festi tal-bidu tal-Knisja…l-ewwel xhieda tal-festa hija mill-Eġittu."

"Drawwiet Pagani li jiċċentraw madwar il-kalendi (l-ewwel ġurnata ta' kull xahar fil-kalendarju Ruman) ta' Jannar resqu lejn il-Milied."

"…Fl-Iskrittura, ebda wieħed ma huwa msemmi bħala li kien iħares jew iżomm festa jew riċeviment kbir fil-jum tat-twelid tiegħu [ta' Ġesù]. Huma biss midinbin li jagħmlu ferħ kbir fuq jum li fih huma kienu mwielda f'din id-dinja" (*Enċiklopedija Kattolika, Edizzjoni 1911, Ippubblikarta mill-Knisja Kattolika Rumana*).

"…Il-Milied ma kienx fost il-festi l-aktar kmieni tal-knisja…." (*Enċiklopedija Brittanika, Edizzjoni 1946*).

"Il-Milied… Dan ma kienx, skond ħafna awtoritajiet, iċċelebrat fl-ewwel sekli tal-knisja Kristjana, billi l-użu Kristjan in-ġenerali kien li tiċċelebra l-mewt ta' persuni magħrufa (eż. Komunjoni – il-mewt ta' Kristu) pjuttost milli t-twelid tagħhom…"

"…Festa kienet imwaqqfa f'memorja ta' din il-ġrajja [it-twelid ta' Ġesù] fir-raba' seklu. Fil-ħames seklu l-Knisja tal-Punent ordnat din il-festa biex tkun iċċelebrata għal dejjem FIL-JUM TAL-FESTA ANTIKA RUMANA TAT-TWELID TA' SOL [XEMX], billi ebda għarfien ċert dwar il-jum tat-twelid ta' Kristu ma kien jeżisti." (enfasi tiegħi). *(Enċiklopedija Amerikana, Edizzjoni 1944*).

Il-Milied ma kienx iċċelebrat mill-knisja QABEL ir-RABA' SEKLU. Il-Kristjani MA ċċelebrawx il-Milied għal l-ewwel 300.

## KIF DAĦAL FIL-KNISJA L-MILIED?

Mela kif il-Milied daħal fil-knisja Kristjana? In-New Schaff-Herzog Encylopedia of Religious Knowledge tagħti spjega ċara fl-artiklu fuq "il-Milied". Naqraw hekk:

> "Għal kemm id-data tal-festa iddependiet fuq il-Brumalia pagana (25 ta' Diċembru) wara s-Saturnalia (is-17-24 ta' Diċembru), u ċ-ċelebrar ta' l-iqsar jum tas-sena u 'x-xemx il-ġdida'...ma jistax ikun iddeterminat eżatt. Is-Saturnalia u l-Brumalia pagani kienu wisq imdawra b'użanzi popolari biex ikunu mwarrba minn influwenza Kristjana…Il-festa pagana bl-istorbju tagħha u tbahrid kienet tant popolari li l-Kristjani kienu kuntenti li jġibu skuża ħalli jkomplu ċ-ċelebrazzjoni tagħha bi ftit bidla fl-ispirtu u fil-manjiera. Predikaturi Kristjani tal-punent u tal-Lvant Qarib ipprotestaw kontra l-frugħa mhux xierqa li biha kien qiegħed jiġi ċċelebrat il-jum tat-twelid ta' Kristu, waqt li l-Kristjani tal-Mesapotamja AKKUŻAW LIL ĦUTHOM TAL-PUNENT BL-IDOLATRIJA U L-QIMA TAX-XEMX TALLI ADOTTAW BĦALA KRISTJANA DIN IL-FESTA PAGANA" (enfasi tiegħi).

L-Imperu Ruman kien pagan, u qabel ir-raba' seklu, il-Kristjani kienu ftit fin-numru u ppersegwitati mill-gvern u mill-pagani. Imbagħad l-Imperatur Konstantinu ipprofessa l-Kristjaneżmu, jew aħjar il-Kattoliċiżmu fejn poġġih fuq l-istess livell mal-paganiżmu. Il-Kattoliċiżmu minnufih sar popolari.

Iżda, ħafna mill-"konverti" kienu mrobbija fi drawwiet pagani, l-ikbar waħda fosthom hija l-25 ta' Diċembru. Huma kienu jgawdu din il-festa ta' ferħ u tbahrid, u ma ridux li jwarrbuha!

Il-Manikejiżmu pagan (tagħlim ta' l-eretiku Persjan, Manes) identifika l-IBEN ta' Alla max-XEMX fiżika, jagħti lill-"konverti" ġodda skuża biex isejħu l-25 ta' Diċembru (twelid mill-ġdid tax-XEMX) il-jum tat-twelid ta' l-IBEN ta' Alla.

Skond l-*Enċiklopedija Brittanika*, xi Latini, kmieni daqs is-sena 354 W.K., setgħu biddlu l-jum tat-twelid ta' Kristu mit-tlieta ta' Jannar għal 25 ta' Diċembru, li f'dak iż-żmien kienet festa Mithra (alla tad-dawl imwaħħal max-xemx, tal-Persjani) jew il-jum tat-twelid tax-XEMX mhux mirbuħa. Is-Sirjani u l-Armeni li żammew mas-sitta ta' Jannar akkużaw lir-Rumani b'qima tax-xemx u idolatrija, jistqarru li l-festa tal-25 ta' Diċembru kienet ivvintata mid-dixxipli ta' Cerinthus.

## IL-VERU ORIĠINI TAL-MILIED

Mela minn fejn beda dan kollu? Il-kunċett tal-Milied (Christmas) oriġina fl-Eġittu l-antik fil-jiem tas-Sultan Osiris u s-Sultana Isis madwar 3000 Q.K. – wisq qabel ma saħansitra kien hemm xi ħsieb dwar il-fidi Kristjana.

Wara l-mewta mhux maħsuba tas-Sultan Osiris, il-mara tiegħu, Isis, kattret id-dottrina tad-demonju tal-qawmien tas-Sultan Osiris bħala spirtu. Hija stqarret li siġra kbira li dejjem tħaddar kibret matul il-lejl minn biċċa żokk mejjet, jissimbolizza l-ħajja ġdida ta' l-ispirtu ta' Osiris mill-mewt tiegħu. F'kull anniversarju tat-twelid ta' Osiris, li kien id-data li aħna nafu llum bħala l-25 ta' Diċembru, Isis kienet tħalli rigali madwar din is-siġra.

Isis saret "ir-Reġina tas-Sema", u Osiris sar "l-iben divin tas-sema" imwieled mill-ġdid. Osiris aktar wara sar, permezz tal-Feniċji li kienu ġew wara, Bagħal l-alla tax-xemx. "L-omm u t-tarbija" saru oġġetti prinċipali ta' qima mill-Babilonjani, li minnhom dan infirex matul id-dinja kollha taħt diversi ismijiet, bħal Cybel u Deoius fl-Asja, Fortuna u Jupiter f'Ruma Pagana, eċċ.

Imbagħad matul ir-raba' u l-ħames sekli, ir-Rumani taħt il-"Kristjaneżmu" jew aħjar il-"Kattoliċiżmu" ġdid u popolari, ippopolarizzaw il-kunċett ta' "l-omm u t-tarbija" speċjalment

madwar iż-żmien tal-Milied—li minn dan aħna għandna ħafna mill-kant tal-Milied bħal "Lejl ta' Skiet" bit-tema familjari tagħha "omm u t-tarbija."

## L-ORIĠINI PAGANA TAS-SIĠRA TAL-MILIED

Il-kunċett tas-Siġra tal-Milied oriġina madwar 3000 sena Q.K. fl-Eġittu l-antik mas-Sultan Osiris u s-Sultana Isis, kif diġa rajna aktar qabel f'paġna 5.

Matul iż-Żminijiet tan-Nofs, il-Ġermaniżi kienu jemmnu lis-siġar dejjem iħaddru kienu mogħnija bil-ħajja billi huma kienu jibqgħu ħodor matul ix-xitwa kollha. Il-ħdura kienet prominenti fiċ-ċelebrazzjonijiet pagani tax-xitwa f'unur ta' l-ispirtu tas-siġra jew tal-fertilità.

Ir-Rumani kienu jlibbsu s-siġar b'ġojjelli żgħar u ġugarelli f'dak iż-żmien tas-sena. Id-Druwidi, (saċerdoti jew saħħara taċ-Ċelti) kienu jorbtu tuffieħ indurat mal-friegħi tas-siġra. Għal ħafna, siġra iddekorata bi blalen ileqqu u oġġetti qishom frott tissimbolizza s-siġra tal-ħajja fil-Ġnien ta' Għeden.

## L-ORIĠINI PAGANA TAL-GIRLANDA TAL-BALLUT U L-VISKJU

Il-viskju jew visk kien użat fil-festa tas-solstizju tax-xitwa (waħda miż-żewġ waqfiet apparenti tax-xemx, fil-21 ta' Ġunju u fil-21 ta' Diċembru, meta x-xemx tkun l-aktar imbiegħda mill-Ekwatur u donnha bħal tieqaf għal ftit, biex tarġa' lura fuq triqtha) mill-pagani l-antiki għaliex dan kien ikkonsidrat sagru għax-xemx. Il-viskju kien maħsub li kellu qawwa mirakoluża ta' fejqan, probabbilment minħabba l-fatt li mhux biss ix-xitla kienet tibqa' ħadra imma din attwalment kienet tagħmel il-frott matul dan iż-żmien, tip ta' spirti ta' fertilità! Dan wassal għat-tradizzjoni ta' li "jitbewsu taħt is-siġra tal-ballut"—isir kmieni fil-lejl tat-tbahrid u sokor u ħażen, fejn tkun iċċelebrata l-mewt tax-"xemx l-antika" u t-twelid tax-"xemx il-ġdida" fis-solstizju. Dan kollu u ħwejjeġ oħra oriġinaw f'ritwali pagani u mhux f'oriġini Kristjani! L-istess ix-xemgħat u ħġejjeġ oħra oriġinaw

mil-użanza pagana li jqabbdu nirien u xemgħat matul l-istaġun tas-solstizju, biex iħeġġu l-alla-xemx li jkun bla dawl jew b'dawl baxx ħafna hekk kif hu jilħaq l-aktar punt baxx tiegħu fis-smewwiet tan-nofs-in nhar.

Il-prattika moderna li jiddekoraw siġar u bini b'dawl iteptep tidher li hija estenzjoni loġika tax-xemgħat u l-ħġejjeġ fiż-żmien tal-Milied.

## L-ORIĠINI PAGANA TA' SANTA KLAWS

Magħruf ukoll bħala "Father Christmas", il-ħrejjef u l-leġġendi li jdawwru lil Santa Klaws huma taħlita ta' użanzi u drawwiet pagani minn reġjuni differenti.

"Santa Klaws" huwa korruzzjoni ta' l-isem "San Nikola", isqof tal-Knisja Kattolika Rumana li għex fir-raba' seklu. Huwa kien qaddis onorat mill-Griegi u mil-Latini fis-sitta ta' Diċembru, għal l-għotja leġġendarja ta' doti fuq it-tliet ulied bniet ta' ċittadin fqir—jintqal li oriġina l-użanza ta' l-għotja ta' rigali bil-moħbi f'lejlet San Nikola (6 ta' Diċembru), aktar wara ġiet trasferita għall-Jum il-Milied.

Parti importanti ta' festiġġjar pagan tinvolvi spirti tajba u ħżiena—kif f'Halloween, segwit minn Jum il-Qaddisin Kollha. F'ħafna reġjuni, viżitaturi jkunu jew spirti tajbin jew spirti ħżiena, kienu jagħmlu d-dehra tagħhom matul ix-xitwa. Permezz ta' taħlit ta' leġġendi pagani ma' tradizzjonijiet dwar il-qaddisin, ħarġu ċerti figuri b'personalitajiet simili. Figuri bħal dawn huma magħrufa llum f'kulturi differenti bħala Santa Klaws, Father Christmas, San Nikola, San Martin, il-Weihnachtsmann, Pere Noel, eċċ. Dawn il-figuri—il-Kristjanizzazzjoni ta' divinitajiet Ġermaniżi—ipperpetwaw it-temi ta' premji u kastigi li jkunu ittrattati għal dawk li jiċċelebraw il-festi. Matul is-sekli, dawn l-użanzi waslu biex ikunu iċċentrati madwar it-tfal.

Il-leġġenda ta' Santa Klaws jidħol fid-dar miċ-ċumnija, u d-dendil ta' peduni mal-fuklar, għandha x'taqsam mas-superstizzjonijiet antiki madwar spirti tal-qalb. Iċ-Ċiniżi u oħrajn tradizzjonalment jikinsu u jgħorku d-dar fi preparazzjoni għaż-żjara

mill-qalb ta' l-ispirtu. Imlibbes b'beritta ħamra bil-ponta u ġakketta ħamra, dan l-alla tan-nar jivvjaġġa mis-sema fuq, iżur id-djar biex iqassam favuri jew kastigi.

Kull żmien tal-Milied illum, jintqal lit-tfal ħafna gideb dwar Santa Klaw ġej jew nieżel miċ-ċumnija biex iqassmilhom ir-rigali kemm-il darba huma jġibu ruħhom sewwa! Illum jew għada, it-tfal jitgħallmu l-ħrafa, ħafna minnhom isiru delużi u diżappuntati. Delużjonijiet bħal dawn faċilment ikunu trasferuti għat-twemmin f'Alla u f'Ġesù Kristu—jekk Santa Klaws ma jeżistix, allura Alla u Ġesù ukoll ma jeżistux! Dan hu minnu għaliex tisma' tfal li jagħmlu dawn il-mistoqsijiet lill-ġenituri tagħhom u mhux faċli li tneħħi d-dubji minn moħħhom dwar l-eżistenza ta' Alla u ta' Ġesù Kristu! Imma l-Iskrittura Mqaddsa tgħid b'mod ċar ħafna:

> *"La tagħtix xhieda giddieba…"* (Eżodu 20:16).

Wisq il-bogħod milli żżid "il-ferħ tal-Milied", il-leġġenda ta' Santa Klaws attwalment iddawwar l-erwieħ minn Ġesù Kristu, u tissogra għalihom Infern etern! Ebda Kristjan tassew qatt ma għandu jinvolvi lilu nnifsu jew lilha nfisha f'din il-leġġenda misħuta ta' Santa Klaws ma jimpurtax kemm din tidher li hija tajba għat-tfal f'dak iż-żmien! Alla jgħid,

> *"Hemm triq li tidher lil xi ħadd dritta, iżda fl-aħħar tagħha twassal fil-MEWT"* (Proverbji 14:12).

## L-ORIĠINI PAGANA TAL-BDIL TAR-RIGALI

It-tradizzjoni ta' l-għaġeb ta' bdil ta' rigali matul il-Milied. Dak l-eċċitament li tistenna ħalli tara se taqla' għall-Milied. Oh, naturalment huwa att "Kristjan" li nagħtu rigali lil xulxin…. Imma huwa hekk?

Ħalli naraw x'tgħid il-*Bibliotheca Sacra* (vol 12 pp 153-155) dwar il-bdil ta' rigali fil-Milied…

> "Il-bdil ma' xulxin ta' rigali bejn il-ħbieb huwa l-istess karatteristika tal-Milied u s-

Saturnalia, u GĦANDHA MNEJN KIENET ADATTATA MILL-KRISTJANI MINN GĦAND IL-PAGANI, kif it-twissija ta' Tertulljan turi biċ-ċar." (enfasi tiegħi).

Il-bdil ta' rigali ma jonora xejn lil Kristu. Suppost ikun il-jum tat-twelid tiegħek (birthday) u madankollu fir-riċeviment tiegħek, il-ħbieb tiegħek u l-qraba jagħtu rigali lil xulxin u kważi lilek jinjorawk għal kollox! X'tgħid int? U dan huwa eżattament x'jiġri fil-Milied—aħna nagħtu rigali lil xulxin, imma ma jibqalniex biżżejjed flus biex inkomplu nagħtu lill-knejjes tagħna! L-għoti tal-kontribuzzjonijiet normalment ma jerġax lura għan-normal qabel ma jasal Marzu tas-sena ta' wara! F'kull każ, iżda, mhuwiex il-jum tat-twelid ta' Ġesù! Il-Jum tat-Twelid Tiegħu huwa f'Settembru *l-aktar probabbli* u d-data eżatta mhix magħrufa.

Xi ħadd jista' jistaqsi: "Tajjeb, xi ngħidu dwar l-għoti tar-rigali mill-irġiel għorrief? Ikkunsidra x'jgħidu s-siltiet ta' l-Iskrittura dwar dan…

> *"U meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mil-lvant ġew Ġerusalem jistaqsu: "Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud? Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa, u ġejna nqimuħ."*
>
> *Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, nxteħtu fl-art iqimuh; fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali deheb, inċens u mirra*" (Mattew 2:1-2, 11).

Innota hawn…. Il-maġi taw rigali lil Ġesù minħabba li Hu kien SULTAN tal-Lhud—ma kienx minħabba li kien jum it-twelid Tiegħu. Kienet l-użanza li tagħti rigali lil xi ħadd li kien Sultan, l-istess kif inhi f'ħafna kulturi llum. F'kull każ, il-maġi ma taw ebda rigali oħra lil Ġesù sa wisq wara li kien il-jum tat-twelid Tiegħu!

> "Vers 11 (*huma offrewlu rigali*) In-nies tal-lvant qatt ma avviċinaw il-preżenza tas-slaten u personaġġi kbar, mingħajr rigal f'idejhom. L-użanza hija spiss innutata fit-Testment il-Qadim, u għadha ssir fil-lvant, u f'xi postijiet oħra." (*Adam Clarke Commentary, vol. 5, paġna 46*).

Il-bdil tar-rigali fost il-ħbieb u l-qraba ma jinsabx fl-Iskrittura, dan hu meħud mill-paganiżmu. Ma ninsewx, jiena m'inhix qiegħed ngħid li huwa ħażin li tagħti rigal lil xi ħadd, aħna qegħdin nitkellmu dwar il-festa tal-Milied u r-rigali li jingħataw, jinagħataw għal din l-okkażjoni. Li tagħti rigali matul is-sena lil xi ħadd ma hemm xejn ħażin f'dan, imma li tagħti rigali f'sens reliġjuż u tagħmel dan parti minn festa mhux Skritturali, allura dan huwa ħażin.

Ikkonsidra l-fqar fostna li ma jistgħux jaffordjaw biex jixtru rigali fiż-żmien tal-Milied? Huwa li fiż-żmien tal-Milied jiż-died il-ġlied u t-turment? Dan hu fatt magħruf minn kulħadd! Familji jitkissru, isir aktar qtil, is-suwiċidji jiżdiedu matul iż-żmien tal-Milied! Ħafna li huma fqar jitkellmu dwar it-turmenti li jħossu talli ma jkollhomx jew ma jkunux jistgħu jixtru rigali għal xulxin fiż-żmien tal-Milied, li jwassal ħafna minn dawn in-nies għal disperazzjoni u suwiċidju. Ħafna jgħidu dwar il-Milied bħala li huwa "żmien ta' uġiħ u qsim il-qalb". Ħafna jipproklamaw "*huwa l-ħsieb li jgħodd*", iżda r-realtà hija, li aħna bbumbardjati minn u mdawwrin minn messaġġi ikkumer-ċjalizzati li jħabbru fl-effett "*kemm inti tħobb lil xi ħadd huwa muri b'kemm flus inti tonfoq f'rigali għalih.*"

Il-fatti kesħin u iebsa huma…. Jekk il-Milied kien festa Kristjana, allura ma kienx ikun hemm tant uġigħ u qsim il-qalb fost il-fqar u l-batuti fostna! Ġesù ġab il-FERĦ u l-ĦAJJA lill-foqra, MHUX uġigħ u qsim il-qalb!

## X'TAGĦMEL INT FIL-JUM TAL-MILIED?

L-Armeni jiċċelebraw il-Milied billi jieklu ħut moqli, ħass, u spinaċi mgħolli. Huma jemmnu li Marija kielet spinaċi mgħolli

fil-lejl qabel it-twelid ta’ Ġesù. Iċ-ċelebrar idum sejjer għal madwar tlitt ijiem bi żjajjar u ċelebrazzjonijiet.

Snin ilu fir-Russja, it-tfal kienu jmorru matul it-toroq f’lejlet il-Milied igħajtu u jkantaw sakemm in-nies kienu joħorġu fil-bibien tagħhom u jagħtuhom l-ikel. Dan probabbilment ġie minn prattika aktar antika f’li jiġbdu tifla sabiħa fuq karretta ta’ fuq is-silġ matul it-toroq, u jieqfu quddiem id-djar u jkantaw.

Il-Ġermaniżi huma magħrufa għall-festività tagħhom fiż-żmien tal-Milied b’ħelu tal-lewż morr magħmul f’forom differenti u mogħti l-kuluri biex jidher bħal tjur mixwi, laħam, frott, u ħxejjex. It-Taljani jħobbu sallur moqli, bittieħ, inbid, tiġieġ, u majjal biz-zlaza tal-mustarda.

Il-Messikani jiċċelebraw tnax-il jum tal-Milied. Kull lejl huma jagħmlu l-parti tat-tfittxija ta’ Ġużeppi u Marija għall-kenn f’Betlehem. It-tfal anzjużi jistennew il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet—it-tkissir tal-pinata mimlija bir-rigali u bil-ħelu.

Huwa interessanti li tinnota li l-Puritani fil-kolonji tal-bidu f’Massachusetts u fi New Haven “fil-liġijiet blu” tagħhom ipprojbixxew lin-nies tagħhom milli jżommu l-Milied jew li jsajru torti ta’ l-ikkappuljat f’dan iż-żmien tas-sena. Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied kienu mħarsa biċ-ċiera mill-kolonji l-oħra ta’ New England, imma l-kolonji tan-nofs inhar kellhom żmien tajjeb f’riċevimenti kbar.

Attwalment, ħafna nies illum jiċċelebraw il-Milied bl-inqas idea ta’ l-iskop reali tat-twelid ta’ Ġesù. U ħafna Kristjani jingħaqdu fiċ-ċelebrazzjonijiet mingħajr ma jafu l-oriġini tagħhom.

Kif diġa spjegajt, l-isem “Christmas” innifsu jirrivela xi ħaġa dwar l-oriġini tiegħu. Dan huwa ffurmat mill-festa Kattolika, “Christ’s Mass” (il-Quddiesa ta’ Kristu).

Ħadd ma jaf fiż-żgur meta din l-osservanza tal-jum tat-twelid ta’ Kristu bdiet. Fis-sena 354, il-papa Liberju għażel il-ħamsa-u għoxrin ta’ Diċembru biex taqbel mal-festa Rumana ta’ qima lil alla xemx. Din il-festa iċċelebrat ir-rebħa tad-dawl fuq id-dlam fiż-żmien tas-solstizju, jiġifieri, meta l-ġurnata ma titwalx, tax-xitwa. (Kien innutat aktar tard li din id-data hija

wisq mhux realistika billi dan hu matul l-istaġun kiesaħ tax-xitwa fil-Palestina u r-ragħajja ma kinux ikunu fl-għelieqi bin-ngħaġ tagħhom.)

Għalkemm illum il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jiċċelebraw il-jum tat-twelid ta' Kristu fil-ħamsa-u għoxrin ta' Diċembru, l-Awstrijaki, il-Belġjani, il-Bulgari, il-Franċiżi, il-Ġermaniżi, il-Griegi, l-Ungeriżi, it-Taljani, l-Olandiżi, u l-Isvizzeri kienu u xi wħud għadhom jiċċelebraw il-jum tat-twelid ta' Kristu fis-sitta ta' Jannar.

Is-siġra tal-Milied għandha sfond ta' qima pagana. Meta l-pagani ta' l-Ewropa tat-tramuntana saru "Kristjani," huma għamlu "s-siġra" ħaddara ta' dejjem tagħhom parti mill-festi "Kristjani" tagħhom.

Il-Ferrieħi Santa Klaws ħareġ mill-isqof ġeneruż Olandiż, San Nikola. Huwa ħa d-dħul tad-daħk tiegħu fiċ-ċmiem minn leġġenda antika Norveġiża li l-alla mara, Ħerta, dehret fil-post tan-nar (fireplace) biex iġġib fortuna tajba lid-dar.

Ukoll, l-għotja tar-rigali tista' tkun ittraċċjata lura għal l-għotja tar-rigali tal-Milied ta' l-Ewropa tat-tramuntana u l-għotja ta' rigali fil-festi antiki Rumani tal-qima lix-xemx. L-ornamenti, siġar dejjem ħodor, siġar tal-ballut, lienda, u s-siġra tar-rand għandhom oriġini ta' qabel il-Kristjaneżmu fost ir-Rumani pagani, Ċelti, u l-Ġermaniżi tat-tramuntana. Kuruni ornamentali kienu wkoll użati mir-Rumani fil-festi pagani tagħhom.

Inti taf dwar it-tradizzjoni kurrenti Maltija—il-mużika, id-dawl, il-ġenn tax-xiri, ir-riċevimenti, u l-okkażjonijiet periko-lużi għad-dnub, u wkoll għad-droga liż-żgħażagħ tagħna jkunu jinsabu fihom f'dawn iż-żminijiet, bl-iskuża li qegħdin jiċċele-braw it-twelid ta' Ġesù Kristu. Fejn aħna nsibu lilna nfusna f'nofs dan it-taħwid u mogħdija ta' żmien?

Kristjani tat-Testment il-Ġdid huma mtaqqla hekk kif huma jaraw aħwa bħalhom meħuda bil-Milied—din il-festa pagana. Mingħajr dubju, ħafna huma nvoluti innoċentament. Ħafna minna kbirna f'li nżommu jew inħarsu l-Milied f'forma waħda jew oħra. Aħna bdilna rigali, żammejna l-festi mimlija tagħna,

bagħtna kartolini u xegħelna x-xemgħat tagħna, iżda issa aħna naraw il-bluha ta’ dan kollu.

Il-foqra jeħtieġu r-rigali tagħna, dawk bil-ġuħ jeħtieġu l-ikel tagħna, u dawk skurraġġuti jeħtieġu l-kartolini tagħna. Imma għaliex darba fis-sena biss? Ix-xemgħat u d-dawl, il-visk u l-balluta, is-siġra u l-kuruni, il-peduni u Santa Klaws, il-briju u ċ-ċelebrazzjonijiet huma definitivament tad-dinja u tal-knisja apostata. Meta aħna semmejna l-isem ta’ Ġesù, aħna ħriġna barra minn dak kollu. Il-Bibbja tgħid,

> *“La timxux max-xejra ta’ din id-dinja”* (Rumani 12:2).

Hija għafsa ta’ qalb hekk kif naraw lid-dinja (u ħafna Kristjani wkoll) qiegħda ssir “ikkmandata” għax-xeħta u ġirja tal-Milied. Id-dinja kummerċjali sejra taħsad ħsad tad-deheb din ix-xitwa hekk kif huma jikkummerċjalizzaw l-isem ta’ Ġesù.

Ftit illum iżommu l-kmandamenti tan-Nazzarenu umli, iżda ħafna jagħmlu flus minn fuq Ismu. Huma jiċċelebraw it-twelid Tiegħu imma jirrifjutaw li jagħtu lok Għalih f’qalbhom billi jaċċettaw u jagħmlu dak li Hu jgħid fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa. Santa Klaws tabilħaqq hu aktar popolari fil-25 ta’ Diċembru milli huwa Ġesù Kristu. Ħafna tfal ftit li xejn jafu dwar xhix suppost huwa l-Milied. Huma biss jaraw ir-rigali, ix-xemgħat, il-kartolini, u jitbaxxew bl-eċċitament f’riġel is-siġra tal-Milied.

Ġesù Kristu kien mirakolożament ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu u kien imwieled minn verġni żagħżugħa f’Betlehem tal-Lhudija matul il-jiem tas-Sultan Erodi. Il-profeti tat-Testment il-Qadim bassru t-twelid ta’ Kristu, in-natura Tiegħu, il-ħin Tiegħu, u l-post tiegħu. Huma bassru l-massakru tat-trabi f’Betlehem, il-ħarba fl-Eġittu, il-ministeru ta’ Kristu, l-irriġettar Tiegħu mil-Lhud, ix-xhieda falza kontra Tiegħu, is-silenzju Tiegħu, it-tbatija u l-mewt Tiegħu, l-għadam mhux imkisser Tiegħu, il-qawmien Tiegħu mill-imwiet, u t-tlugħ Tiegħu fis-sema. Dan kollu kien imwettaq b’mod glorjuż. It-Testment il-Ġdid jagħti rakkont u jivverifika l-eżattezza tal-profeziji.

L-istorja tat-twelid ta' Ġesù hija rakkont tajjeb ta' dik l-okkażjoni sabiħa. Din hija ġenwina għaliex kienet mogħtija bl-ispirazzjoni u rivelazzjoni. Iżda t-twelid ta' Ġesù kien biss il-bidu ta' l-aktar ħajja ta' l-għaġeb li qatt kien hawn fuq l-art.

Huwa pjuttost stramb (u madankollu, li jiftiehem) illi d-dinja u l-Kristjaneżmu apostata jagħmlu tant u tant mit-twelid ta' Kristu iżda ftit wisq mill-Ħajja u t-tagħlim Tiegħu; tant għaġeb dwar l-istorja ta' l-irġiel għorrief u tant ftit dwar id-diskorsi ta' Kristu; jintqal ħafna dwar l-amministratur, ftit wisq dwar is-salib; wisq ħafna dwar l-omm Marija, imma ftit wisq dwar il-Ħallieq tagħna fil-ġisem; wisq ħafna dwar it-twelid Tiegħu; imma xejn dwar it-tifsira tiegħu; wisq ħafna dwar l-ewwel miġja Tiegħu, imma xejn dwar il-qawmien, it-tlugħ Tiegħu fis-sema, u l-miġja ta' l-Imħallef tad-dinja—ġej biex jiġġudika skond il-KELMA TIEGĦU (Rumani 2:16).

Huwa ngann tax-xitan ħalli jnaqqas il-valur ta' partijiet ta' importanza kbira ta' l-Iskrittura. Huwa wkoll ingann minn tiegħu ħalli jiġbed aktar attenzjoni għal silta waħda ta' l-Iskrittura għas-spejjeż ta' oħrajn. Ħafna nies illum jafu l-istorja tat-twelid ta' Ġesù iżda ftit jafu dwar it-tagħlim personali Tiegħu u t-tagħlim li Hu ta permezz ta' l-appostli li llum insibuh fil-Kelma ispirata Tiegħu. Hemm tagħlim ċar Skritturali biex jikkommemora l-mewt, il-qawmien, it-tieni miġja ta' Kristu, iżda xejn biex jappoġġja ċelebrazzjoni tat-twelid Tiegħu (1 Korintin 11:23-29).

Aħna nfaħħru 'l Alla għall-miġja tal-Ħaruf ta' Alla fid-dinja kif mogħtija f'Luqa kapitlu tnejn u f'Mattew kaptili wieħed u tnejn. U bħala ministri ta' l-Evanġelju, aħna nippriedkaw l-istorja tat-twelid mirakoluż Tiegħu, nagħtuha l-post li jixirqilha mal-kumplament kollu tal-Kitba Mqaddsa. Iżda d-dinja tagħna llum teħtieġ li tisma' mhux biss dwar it-Tarbija ta' Betlehem imma wkoll dwar "ir-raġel" Ġesù li Hu issa kemm Mulej u kemm Kristu, li dalwaqt jiġi ħalli nagħtuh kont taż-żmien tagħna hawn (2 Korintin 5:10).

Mela, ħalli aħna ma nadurawx lit-TARBIJA ta' Betlehem imma lis-SULTAN TAS-SLATEN u lis-SID TAS-SIDIEN!

Ġesù kiber! Ħalli AĦNA nikbru Fih, inwarrbu dawn il-ħwejjeġ karnali—ilbies tar-reliġjonijiet pagani u Kristjaneżmu apostata. Sawn, talb, u servizz ta' qima huma Bibliċi u jedifikaw għall-knisja. Iżda ħalli aħna ma nħallux dawn l-affarijiet "strambi" ħalli jbegħduna mill-veru Ġesù.

Il-Kelma ta' Alla tgħid,

> "*Uliedi, ħarsu rwieħkom mill-idoli*" (1 Ġwanni 5:21).

Tgħidilna wkoll:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofiji u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8).

> "*U jekk ma jogħġobkomx taqdu l-Mulej, għażlu llum lil min tridu taqdu; jekk hux l-allat li kienu jaqdu missirijietkom lil hemm mix-xmara, jew l-allat ta' l-Amurrin li f'arthom qegħdin tgħammru. IMMA JIEN U DARI NAQDU L-MULEJ*" (Ġożwè 24:15).